MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 2

17 ta' April 2013

Minuti tas-seduta Nru. 2 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa l-17 ta' April 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier H. Fenech li permezz ta' *e-mail* datat 16 ta' April 2013 għarraf li ser ikun imsiefer. Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija mis-Sur Fenech.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## Elezzjoni Każwali (C/2)

Is-Sindku rrefera għall-elezzjoni każwali li saret fit-8 ta' April 2013 sabiex jimtela' il-post li tbattal mis-Sur Robert Cutajar. Huwa laqa' il-Kunsillier Joseph Gauci, li ġie elett u tenna d-diskors li huwa għamel fis-seduta preċedenti.

Is-Sur J. Gauci stqarr illi huwa kburi li jifforma parti mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, għar-raġuni li minn dejjem kellu reputazzjoni tajba, kemm bil-proġetti li daħal għalihom, kif ukoll bil-prattiċi korretti li mexa bihom. Huwa qal ukoll li l-politika m'għandiex tiġi qabel l-interess tal-lokalita`.

Is-Sindku qal li huwa jaqbel ma' dak li ntqal mis-Sur Gauci u huwa mportanti li minn issa l-quddiem, il-Kunsill jiffunzjona bħala entita` waħda magħmula minn disa' kunsillieri.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.4. **(Ref: C/2)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

> *"3.4. Is-Sindku J. Buttigieg feraħ lill-kunsillieri kollha b'mod partikulari dawk eletti għall-ewwel darba. Huwa qal illi l-kariga ta' kunsillier hija missjoni li wieħed għandu jaqdiha b'kuraġġ u determinazzjoni sakemm ikollu l-interess tal-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. Kompla jgħid illi hija l-intenzjoni tiegħu li jkompli fuq it-tajjeb li għamel il-Kunsill preċedenti, filwaqt li ser jinħolqu proġetti ġodda skont il-mezzi finanzjarji disponibbli, li jistgħu jinkludu wkoll dawk inklużi fil-programm elettorali tal-grupp minoritarju. Sar aċċenn li l-fondi kommessi fuq proġetti konklużi jew mibdija mis-Sitt Kunsill kienu jammontaw €540,000. Huwa ser jara wkoll li l-fondi pubbliċi fdati lill-Kunsill jintefqu bil-galbu u b'mod trasparenti.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 1, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Stedina għaċ-ċelebrazzjoni tal-Via Sacra f'Adenau (K/1/5/Vol V)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 6.1. tas-Seduta preċedenti u għarraf li l-grupp li sejjer Adenau ġie iffurmat, u jinkludi s-segwenti:

Grupp Folkloristiku Simar – Joe Debono; Anthony Cauchi; Gaetano Sultana;

Grupp Artemotion – Tania Turner; Carmel Pace;

Delegazzjoni tal-Kunsill: Viċi Sindku C. Bartolo; u l-Kunsillieri H. Fenech; Annabelle Brincat Stellini

2.1.3. Is-Sur C. Bartolo qal li l-prezz tal-biljetti tal-ajru huwa €295 u kull persuna li ma tiffurmax parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill ser tkun sussidjata €195 fuq kull biljett. Għarraf ukoll li ser ikun hemm familjari oħra li ser jakkumpanjaw il-grupp li ser iħallsu l-prezz sħiħ. L-ispiża total għall-Kunsill fuq il-biljetti tal-ajru tammonta €1,860

2.1.4. Intqal ukoll li l-parteċipazzjoni f'din l-attivita` għandha tagħti żvolta ġdida lill-ġemellaġġ ma' Adenau, mibdi fl-1996. Sar aċċenn li ser ikun hemm delegazzjonijiet mil-lokalitajiet oħra ġemellati ma' Adenau, ossija dik ta' Sillery minn Franza u Castiglione della Presolana mill-Italja.

2.1.5. Il-Kunsill approva l-ispiża permezz tal-vot 3801

### 2.2.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-prezz għal min jixtieq jattendi għall-ħarġa tal-*Vanity, Profanity and Worship - Jewellery from the Maltese Islands Exhibition* ġie ffissat għal €10 kull persuna. Hija pproponiet li din issir fit-30 ta' April 2013.

2.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 2.3.1. Ħatra tat-*Tender Adjudication Board* (K/2/Vol III)(K/2/11)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.3. tas-seduta preċedenti u ppropona li mal-persuni maħtura fis-seduta, jiżdiedu bħala membri fuq it-*Tender Adjudication Board*, il-persuni segwenti:

- IsSur Charles Mizzi
- Is-Sur Stephen Xuereb FIA, CPAA

2.3.3. Il-Kunsill approva n-nomini mressqa.

2.3.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fid-dawl tar-responsabilitajiet li hija ngħatat fis-seduta preċedenti, beħsiebha tifforma Sotto-Kumitat dwar l-Edukazzjoni, u bħala membri fuqu pproponiet lis-Sinjuri Moira Xuereb, Alison Borg u Aaron Abdilla. Kompliet tgħid li tixtieq li fir-responsabilitajiet li ngħatat tkun assistita minn Sotto-Kumitat Kultura u bħala membri fuqu ssuġġeriet lis-Sinjuri Tara Darmanin u Joseph Debono.

2.3.5. Il-Kunsill approva nomini mressqa.

2.3.6. Il-Viċi Sindku ppropona li jinħatar sotto-kumitat *ad hoc* sabiex jirrevedi l-kriterji li fuqhom jingħataw l-onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent il-Mellieħa. Is-Sur C. Bartolo qal li hemm l-intenzjoni wkoll li jiġu ffurmati żewġ sotto-kumitat oħra, wieħed dwar il-Manikata u ieħor li jinvolvi l-komunita` barranija. Dan tal-aħħar ikollu l-għan, fost oħra li jikkontribwixxi materjal għall-pubblikazzjoni fil-magazin "Mill-Qiegħa" u jittellgħu attivitajiet multi-kulturali.

2.3.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/04/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/03/13 – 08/04/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Stqarrijiet Finanzjarji 2012 - Riveduti

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Aċċessibilta` fil-latrini pubbliċi (A/4/10)(L/3/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' April 2013, mibgħut mill-*Monitoring Unit* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn inġibdet l-attenzjoni dwar nuqqas ta' aċċessibilta` fil-latrini pubbliċi ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u dik tal-Għadira qrib id-daħla għall-Mellieħa Bay Hotel. Billi l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` kienet għamlet rappreżentazzjoni dwar dan, il-*Monitoring Unit* staqsa dwar ir-rimedji li beħsiebu jaddotta l-Kunsill.

4.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li dwar il-latrina pubblika tal-Għadira għandha ssir spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi stabbilit dwar jekk tistax issir rampa għall-*wheelchairs*.

4.1.4. Dwar il-latrina ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Gwanni Pawlu II, il-Kunsill kien tal-fehma li biex dan il-post ikun aċċessibbli jeħtieġ li jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid bi spiża konsiderevoli.

### 4.2.1. Attivita` fir-Ramla tal-Mixquqa (A/6/3/2 Vol 38)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat l-1 ta' April 2013, mibgħut minn EF Language Travel, fejn talbu sabiex jingħataw l-eskussivita` fl-użu tal-bajja msemmija sabiex tittellgħa attivita` mużikali għal 2,000 student. Għall-istess attivita` ikun jeħtieġ li jintrama' palk.

4.2.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

### 4.3.1. Immaniġġjar ta' Siti Natura 2000 fil-Mellieħa (A/4/5/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mails* datati 16 ta' April 2013 mibgħuta minn Adi Associates li ġew inkarigati mill-MEPA sabiex jfasslu pjan dwar l-immaiġġjar ta' siti Natura 2000 fl-Imġiebaħ, Tal-Miġnuna, Selmun u Selmunett. Għaldaqstant talbu li jtellgħu wirja dwar dawn l-inħawi, kif ukoll jorganizzaw sensiela ta' laqgħat konsultativi ma' persuni u entitajiet konċernati, bejn is-27 u l-31 ta' Mejju 2013. Qed jipproponu wkoll li jiġi organizzat *stakeholders workshop* fis-sala tal-Kunsill fit-23 ta' April 2013, fejn l-istess Kunsill ikun mistieden sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu billi jinnomina żewġ rappreżentanti.

4.3.3. Il-Kunsill indika lis-Sinjuri Ernest Vella, Ernest Tabone, Joseph Azzopardi, John Vella u Sammy Vella, sabiex jipparteċipaw fl-i*stakeholders workshop*, filwaqt li nnomina lis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier D. Vella jieħdu sehem fl-istess forum.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' April 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-14 ta' Marzu u t-8 ta' April 2013, li tkopri bejn it-28 ta' Frar u t-13 ta' Marzu 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 7.1. Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)

7.2. Is-Sindku J. Buttigieg ippropona li l-proġett imsemmi ma jkunx jinvolvix biss pavimentar tal-pjazza, iżda wkoll il-kostruzzjoni ta' parkeġġ taħt l-art, bil-għan li ma jintifux spazji ta' parkeġġ, filwaqt li l-misraħ innifsu jkun jista' jintuża għal attivitajiet mingħajr xkiel.

Għaldaqstant huwa talab is-sospensjoni tal-applikazzjoni li saret mal-MEPA – PA 2901/12 – peress li kien ser jressaq proposti alternattivi lill-Kunsill wara li jsiru l-istudji meħtieġa f'dawk li huma servizzi li għaddejjin taħt l-art, livelli eċċ.

7.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa mis-Sindku.

## 8.1. Reviżjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2012 (F/1/2/Vol VIII)

8.2. Is-Segretarju għarraf li wara l-verifika li saret mill-udituri appuntati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, inġibdlet l-attenzjoni li l-istqarrijiet finanzjarji tal-2012 ma' kinux kompletament kompatibbli mal-i*standards* internazzjonali li ġew addottati mill-istess uffiċċju. Għaldaqstant l-*accountant* tal-Kunsill intalab jimmodifikom sabiex jiġu konformi. Is-seduta ġiet temporanjament sospiża sabiex isir intervent mill-*accountant* is-Sur Daniel Galea.

8.3. Is-Sur Galea spjega li raġuni oħra illi minħabba fiha ntalbet reviżjoni mill-udituri, kien il-fattur tal-*accruals*, partikularment biex jiġu ndikati ammonti dovuti lill-kuntrattur B. Grima & Sons Ltd li jipprovdi servizz ta' manutenzjoni fuq tabelli u sinjali tat-traffiku. L-istess kuntrattur naqas milli jibgħat kontijiet tas-servizz li ta lill-Kunsill bejn April u Diċembru 2012. Minħabba din ir-raġuni, is-*surplus* indikat fl-istqarrijiet oriġinali naqas minn €270,000 għal €242,000.

8.4. Raġuni oħra għaliex intalbet ir-reviżjoni kienet l-ammont ta' proġetti mnedija mill-Kunsill, illi l-kontijiet tagħhom kienu għadhom ma ġewx konklużi minħabba diversi raġunijiet. In vista tal-attivita` qawwija li kien hemm fuq proġetti kapitali, partikularment fl-2011 u l-2012, kien hemm numru ta' assi permanenti li ma ġewx kapitalizzati. Dan il-fattur kien qed jaffettwa l-valur tad-diprezzament.

8.5. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, tkompliet is-seduta billi tressqet mozzjoni mis-Sindku li tgħid:

*"Billi ġew innutati l-kummenti li għamlu l-udituri fuq l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2012 oriġinali, li ġew sottomessi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; u*

*Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2012 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal waqt is-seduta Nru. 2 tas-Seba' Kunsill;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

8.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 9.1. Offerti dwar Poloz ta' Assikurazzjoni li jkopru l-operat tal-Kunsill (K/1/4/Vol V)

9.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi s-sejħa għalqet fis-17 ta' April 2013 u kien hemm l-offerti li jidhru hawn taħt:

| Offerent | Smart Insurance Brokers Ltd - Option A | Smart Insurance Brokers Ltd - Option B | Allcare Insurance Brokers - Option A | Allcare Insurance Brokers - Option B | MIB Ltd |
|---|---|---|---|---|---|
| **Total Annwali tal-Premia Kkwotati** | **€7,964.11** | **€5,885.38** | **€7,245.82** | **€5,356.06** | **€3,879.66** |

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-evalwazzjoni tal-offerti lit-*Tender Adjudication Board*.

### 10.1. Sejħa għall-Offerti dwar it-Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)

10.2. Is-Segretarju qal li fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti fuq il-kuntratt il-ġdid dwar is-servizz imsemmi, sar tibdil fl-Annex 1, 5 u 6 tad-dokument tal-offerta. It-tliet *annexures* milquta ġew mgħoddija lill-Kunsillieri qabel is-seduta. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li, fuq rakkomandazzjoni mill-*Contracts Manager*, saret emenda fl-Annex 1 li tipprovdi illi l-kuntratt ikun għal sena, filwaqt li jista' jiġi mġedded għall-massimu ta' tliet snin.

10.3. Il-Kunsillier P. Cutajar irrimarka li meta offerent iqis li r-rabta tiegħu tista' tkun għal sena biss, hemm il-possibilta` li jgħolli l-prezz għall-ewwel sena.

10.4. Is-Sindku wieġeb li wieħed irid iqis ukoll li hemm l-element ta' kompetizzjoni, illi għandu jimmotiva lill-offerenti jirrendu servizz sodisfaċenti bl-inqas prezz possibbli.

10.5. Il-Kunsill approva d-dokumenti mressqa mingħajr emendi u ddeċieda li joħroġ is-sejħa.

### 11.1. Sejħa għall-Offerti dwar il-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku (T/3/2/Vol X)

11.2. Is-Segretarju aċċenna li t-terminu tal-kuntratt imsemmi skada f'Marzu 2013 u għalhekk jeħtieġ li ssir sejħa ġdid. Huwa kkummenta li l-esperjenza wriet illi l-kuntratt jaqdi tajjeb il-ħtiġijiet li kontinwament jitlob il-kunsill f'dan il-qasam, u għalhekk ma jarax il-ħtieġa li jsir tibdil fil-test.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ is-sejħa.

### 12.1. Attivita` fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir l-attivita` imsemmija fis-Sala tal-Iskola fil-15 ta' Mejju 2013. Bħala kontenut tal-istess attivita` hija pproponiet li jkun hemm kant, flimkien ma' intervisti lis-Sinjuri Michelle Muscat mart il-Prim Ministru, u Kate Gonzi mart il-Kap tal-Opposizzjoni, dwar l-esperjenzi tagħhom bħala ommijiet.

12.3. Il-Kusill approva l-attivita`.

### 13.1. Traffiku fi triq tal-Wied ta' Rdum (T/3/2/Vol X)

13.2. Is-Sindku għarraf li Transport Malta qed titlob il-fehma tal-Kunsill dwar il-futur tat-triq imsemmija, wara li tlesta x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa.

13.3. Il-Kunsill iddeċieda li t-triq tal-Wied ta' Rdum għanda tibqa' tieħu traffiku f'direzzjoni waħda biss, bi dħul minn Triq il-Mellieħa sa Triq il-Prajjet, filwaqt li tal-aħħar tibqa' tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet, bejn Dawret il-Mellieħa u r-rampa li tagħti għall-moll ta' Anchor Bay. Għaldaqstant għandhom jitwaħħlu tabelli *No Entry* fi triq tal-Wied Ta' Rdum, kantuniera mat-triq li tgħati għall-moll.

### 14.1. Introduzzjoni ta' dwal ġodda (E/1/3/Vol IV)

14.2. Is-Sindku aċċenna li fi Triq Ta' Fuq il-Widien, Triq il-Pont u Triq Mons. Ġużeppi Schembri, il-Kunsill kien iffinanzja *ducts* għad-dwal fit-toroq imsemmija. Billi l-Kunsill ma' vvutax fondi sabiex jitwaħħlu l-arbli u jsir il-*cabling* meħtieġ, is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir talba lill-MEPA sabiex dawn jiġu ffinanzjati permezz tal-Fond għat-Titjib Urban (UIF).

14.3. Is-Segretarju spjega li l-*Contract Manager* Galea Curmi Engineering Consultants jeħtieġ li jagħmlu stima sabiex tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Is-Sur C. Debono qal ukoll li qabel kollox, il-proġett irid jiġi approvat mill-Korporazzjoni Enemalta.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 15.1. Maniġġ ta' traffiku fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri (T/3/2/Vol X)

15.2. Is-Sindku aċċenna għall-ftuħ tat-triq imsemmija fejn inħoloq periklu bit-traffiku li qed jgħaddi biex jaqta' għad-dritt miż-żona ta' Pennellu għal Triq Lewis Wettinger. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li Triq Mons. Ġużeppi Schembri ssir *one-way* bi dħul minn Triq il-Mitħna l-Ġdida u ħruġ fi Triq Vincenzo Ciappara.

15.3. Il-Kunsill ddisskuta l-proposta u ddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jitwaħħlu t-tabelli segwenti:

- Tabelli *No Entry* fi Triq Vicenzo Ciappara k/m Napuljun Caruana Dingli;
- Tabelli/Sinjali *No Left Turn* flimkien ma' *Stop* fil-parti ta' ġewwa ta' Triq Mons. Ġużeppi Schembri; u
- Tabella/sinjali *Stop* fi Triq Napuljun Caruana Dingli k/m Triq Vincenzo Ciappara.

## 16.1. Laqgħa għar-Residenti tal-Manikata (M/1)

16.2. Is-Sindku għarraf li saru arranġamenti sabiex fit-18 ta' April 2013 issir laqgħa għar-residenti tal-Manikata fis-Sala Parrokkjali tal-istess raħal. Is-Sur J. Buttigieg qal li f'din il-laqgħa ser tittieħed l-opportunita` biex jitħabbru uffiċjalment il-pjan ta' ħidma li jinvolvi il-proġetti kapitali li qed jippjana l-Kunsill għal dan ir-raħal, li huma:

- Żona pedonali u parkeġġ taħt il-livell ta' Misraħ il-Parroċċa;
- *Multi-Purpose Court*; u
- *Floodlighting* tal-Knisja Parrokkjali.

16.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-proġett tal-parkeġġ jitlob li jsir studju dwar il-vijabilita` tiegħu, peress li jirrikjedi spiża konsiderevoli.

16.4. Intqal ukoll li hemm residenti illi qed jitolbu li għandu jitnaqqas il-volum tat-traffiku li qed jgħaddi mill-Manikata, issa li tlesta x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa. Qed jiġi propost li dan il-għan jintlaħaq b'aktar infurzar permezz tal-Gwardjani Lokali.

16.5. Is-Sindku kkummenta li s-soluzzjoni għall-problemi tat-traffiku li qed taffaċċja l-Manikata huwa n-nuqqas ta' *bypass*. Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel pressjoni fuq il-Gvern biex jerġa jqajjem dan il-proġett, li kien tnieda għall-ewwel darba fl-2007 bħala tkomplija tat-*Trans-European Road Network* (TEN-T) li qed jiġi kofinanzjat b'fondi tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti.

## 17.1. Wesgħat pubbliċi mhux żviluppati (P/4/27)(P/4/28)

17.2. Is-Sindku għarraf intenzjoni oħra tas-Seba' Kunsill huwa li jaħdem biex aktar 'il quddiem jiġu żviluppati spażji pubbliċi li jinsabu: (a) bejn Triq Mons. Franġisk Xuereb, Triq l-Etna u Triq in-Naħal; u (b) fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

17.3. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li jiġi ntrodott *cat-cafe*` f'wieħed minn dawn il-postijiet, fejn ikun jista' jingħata kenn lill-qtates abbandunati minn sidhom, fejn il-pubbliku jkun jista' iħallilhom l-ikel.

17.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li teżisti xi ħaġa simili fil-Ġnien tal-Mall fil-Furjana.

17.5. Il-Kunsill innota l-proposti mressqa.

## 18.1. Żamma tal-latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

18.2. Is-Sindku għarraf li l-latrina tar-Ramla tal-Mixquqa qed tagħti l-problemi, fis-sens li qed ikun hemm vandaliżmu u sadd fis-sistema tad-drenaġġ kull meta timtela' il-fossa. Huwa qal ukoll li l-operaturi tal-kjoskijiet li hemm fl-istess bajja qed jilmentaw li l-latrina tingħalaq kmieni wisq dan iż-żmien tas-sena, peress li t-temp jippermetti. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li saru kuntatti mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex il-fossa titbattal mil-inqas darbtejn fil-ġimgħa matul ix-xhur tas-Sajf. Is-Sindku kompla jgħid li huwa u s-Segretarju ltaqgħu mal-kuntrattur inkarigat mit-tindif tal-latrini – Absolute Cleaners Ltd – u l-operatur tal-Munchies Kiosk. Is-Sur J. Buttigieg qal li ntlaħaq qbil li tal-aħħar iżomm il-latrina miftuħa wara l-ħin stabbilit fil-kuntratt relattiv, bil-kundizzjoni li jgħadduha li l-kuntrattur jgħaddihielu fi stat nadif u jitpoġġew it-*toiletries* meħtieġa.

18.3. Ġie ssuġġerit li għandha ssir talba lill-ministeru konċernat sabiex jintbagħat *watchman* fil-latrini li hemm fejn il-baħar.

18.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 19.1. Tmexxija tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

19.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-Park tal-Familja qed ikun iffrekwentat ħafna mill-pubbliku waqt diversi ħinijiet tal-ġurnata, tant li qed issir pressjoni sabiex il-latrina pubblika tinżamm miftuħa. Kompla jgħid illi r-riżorsi li għandu l-Kunsill ipprovduti mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ mhux qed jiġu pprovduti b'mod konsistenti u għalhekk jeħtieġ li jinstabu mezzi alternattivi, partikularment biex il-latrini jinfetħu u jinżammu nodfa.

19.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom jintużaw mezzi disponibbli sabiex l-latrina tinżamm miftuħa fil-ħinijiet li ġejjin:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – bejn il-5.00pm u d-9.00pm (titnaddaf darba);
- Is-Sibt – bejn is-1.00pm u d-9.00pm (titnaddaf darba); u
- Il-Ħadd – bejn l-10.00am u d-9.00pm (titnaddaf darbtejn).

19.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan jista' ikun arranġament temporanju, kemm-il darba t-tmexxija tal-park tingħata lill-privat, bil-possibilta` li jikri l-faċilitajiet sportivi lill-entitajiet sportivi li m'humiex ibbażati fil-Mellieħa, kif ukoll li jinfetaħ bar jew kjosk. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li għandu jittieħed parir legali dwar din il-possibilta`.

19.5. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 19.4.

## 20.1. Jum il-Ktieb 2013 (A/5/5/Vol VII)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li fit-23 ta' April 2013 ser jiġi mfakkar Jum il-Ktieb. Dan ser jiġi mfakkar ukoll fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, permezz ta' attivita` li ser isseħħ fi Ġnien il-Qigħan. Hija ppproponiet li għal din l-okkażjoni, il-Kunsill joffri frotta lit-tfal kollha li jipparteċipaw.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 21.1. Librerija Pubblika (L/4/Vol II)

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill li hija kkuntattjat lil-librar tal-Librerija Pubblika tal-Mellieħa sabiex jindika l-kotba li jistgħu jinxtraw taħt l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' Memo 40/2012. Hija qalet illi probabbli mhux ammont kollu vvutat fl-estimi ser jintefqu fuq ix-xiri tal-kotba, peress li l-librerija jeħtieġ li titbajjad, isir iktar xkaffar u tabelli ta' direzzjoni barra 'il bini tal-iskola.

21.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 22.1. Korsijiet fl-użu tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)

22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li għaddejjin kuntatti mad-ditta TCTC Ltd sabiex isir kors tal-komputer għat-tfal b'lezzjoni ta' sagħtejn fil-ġimgħa mifrux fuq ħames ġimgħat. Hija qalet li sar negozjar tal-offerta mogħtija minn TCTC Ltd, fis-sens li l-prezz tnaqqas minn €1,150 għal €1,000, filwaqt li t-tqassim tal-*flyers* isir mill-Kunsill direttament. Intqal ukoll li dan il-ħlas ikopri għall-massimu ta' 85 student, iżda f'każ li n-numru ikun inqas minn 25, il-Kunsill jingħata l-opportunita` li jiftaħ korsijiet oħra bl-isem ta' Learn IT u ECDL Start, li b'kollox ikunu jakkomodaw sa massimu ta' 50 persuna oħra mingħajr ma' terġa titħallas is-somma ta' €1,000.

22.3. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

## 23.1. Avventura Sajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-mument ma jistgħux isiru arranġamenti għall-Avventura Sajf 2013, peress li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għaddejja bit-tħejjijiet għal proġett ġdid għal waqt il-btajjel tas-Sajf, minflok dak ta' SkolaSajf. Jidher li l-proġett il-ġdid ser jinvolvi t-tfal tal-kindergarten, ossija dawk li kien jattendu Avventura Sajf organizzata mill-Kunsill. Meta jkunu magħrufa d-dettalji, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi x'ser ikun l-involviment tiegħu.

23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**24.1. Introduzzjoni ta' *speed camera* fi Triq Lewis Wettinger (W/3/2)**

24.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li qed jiġi osservat sewqan perikoluż fi Triq Lewis Wettinger, partikularment minn sewwieqa ta' muturi.

24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn l-abbużi jistgħu jiġu eliminati permezz ta' *speed camera* u għalhekk ġie deċiż li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex tevalwa l-proposta fid-dawl tal-kriterji stabbiliti.

**25.1. Laqgħat għar-residenti (M/4/3)**

25.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li jsiru serje` ta' laqgħat għar-residenti sabiex jingħata l-opportunita` iressaq kummenti u suġġeriment dwar il-lokalita`.

25.3. Il-Kunsill innota dan is-suġġeriment filwaqt illi nnota li laqgħat simili ġie li saru fil-passat.

**26.1. Nuqqasijiet fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (X/1/1/Vol II)**

26.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li tiġi ntrodotta żona għall-għawwiema fir-ramla msemmija bħalma hemm f'bajjiet popolari oħra għas-siġurta` tal-istess għawwiema. Huwa ppropona wkoll li jitwaħħal *floodlight* mal-bini tat-Torri l-Abjad, kif ukoll jiġi rranġat l-aċċess għax-xatt billi l-konkos eżistenti saritlu ħsara permezz tal-maltemp.

26.3. Il-Kunsill qabel li dawn it-talbiet għandhom jiġu trattati mal-awtorita` konċernati.

**27.1. Sistema tad-drenaġġ f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)**

27.2. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna li l-ispralli tad-drenaġġ illi hemm bejn qtajja' numri 221 u 222. Huwa qal li skont il-pjan imfassal minn Cenmed Ltd suppost li bejn l-istess qtajja' għandu jsir taraġ li jgħaqqad Triq Ta' Taħt l-Irdum ma' Triq in-Nixxiegħa, filwaqt li l-ispralli għandhom jiġu nkorporati fih. Minħabba li dan għadu ma sarx, il-ħitan tal-ispralli huma esposti u biż-żmien tmermru. Bir-riżultat ta' dan qed jiġu osservati ħafna ġrieden. Is-Sur Gauci appella sabiex jittieħdu passi bil-għan li ssir il-manutenzjoni meħtieġa.

27.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bil-għan li tittieħed azzjoni.

**28.1. Xoljiment tal-Kumitat Konġunt Tramuntana (W/3/Vol XI)**

28.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-process tax-xoljiment tal-Kumitat Konġunt Tramuntana jinsab mixi b'pass mgħaggel u dalwaqt jiġi fi tmiemu. Bhala parti minn dan il-proċess, mill-1 ta' Mejju 2013, mhux se jibqgħu jiġu depożitati flus fil-kontijiet bankarji tal-Kumitat u minnflok, minn dik id-data 'l quddiem, id-depożiti se jibdew isiru fil-kontijiet individwali tal-Kunsilli li jappartjenu.

28.3. Is-Segretarju qal li xi xhur ilu l-Uffiċjal Awtorizzat talab kull Kunsill Lokali msieħeb fil-Kumitat Konġunt biex jindika l-kontijiet bankarji rispettivi sabiex fihom jibdew jidħlu direttament flus li jappartjeni lilhom minn kontravvenzjonijiet li kienu nħarġu sa l-aħħar ta' Awwissu 2011 – id-data li fiha bdew jiffunzjonaw il-Kumitati Reġjonali.

28.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kompla jgħid li mill-1 ta' Mejju 2013 ukoll, kontijiet minn Datatrak IT Services Ltd, mhux se jibqgħu jiġu indirizzati lill-Kumitat Konġunt imma ser jintbgħatu direttament lill-Kunsilli individwalment. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali ndividwali li kienu affiljati fil-Kumitat Konġunt u l-kumpanija msemmija sabiex timmaniġġja s-sistema kompjuterizza fir-rigward ta' kontravvenjonijiet maħruġa sa Awwissu 2011. Kopja tal-ftehim ġiet ippreżentata waqt is-seduta. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li wara l-1 ta' Mejju 2013, kull ma jkun baqa' jsir sabiex ix-xoljiment tal-Kumitat jiġi konkluż, hu li ssir rikonciljazzjoni tal-kontijiet bankarji tal-Kumitat u li jingħalqu l-istess kontijiet wara li jiġu prezentati u approvati l-istqarrijiet finanzjarji.

28.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-iffirmar tal-ftehem ma' Datatrak IT Services Ltd.

**29.1. Attivitajiet kulturali (A/5/3/Vol XII)(A/5/5/Vol IV)**

29.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li bdew it-tħejjijiet għall-Animal Fest 2013 illi hija ppjanata li sseħħ fil-Park tal-Familja nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2013. Il-Mellieħa Youths wrew interess li jipparteċipaw f'din l-edizzjoni.

29.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li l-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ hija proposta li ssir nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013 bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet li normalment jieħdu sehem. Huwa maħsub li f'din l-edizzjoni, il-bandu jgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa. Qed isiru kuntatti sabiex il-bandu jkun skortat mill-In Guardia, filwaqt li Misraħ il-Parroċċa jkun hemm wirja minn dilettanti tal-falkunerija.

29.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

## 30.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

30.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li l-konferenza li jmiss parti mill-proġett imsemmi, ser isseħħ f'Casalborgone fl-Italja bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 2013. Huwa ppropona li l-kelliema Maltin, ikunu s-Sinjuri Sammy Vella, Jeffrey Sammut u Veronica Farrugia. Huwa qal ukoll li bħala promozzjoni lil-lokalita` waqt il-konferenza, ippropona li jiġu stampati kalendarji illu juru xeni fil-Mellieħa, kif ukoll jingħataw ikoni tal-Madonna tal-Mellieħa lid-delegati li ser ikunu preżenti.

30.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

30.4. Is-Sur C. Bartolo qal li waqt kuntatti li huwa kellu mal-Comune di Casalborgone, ppropona li bħala parti mill-kontinwazzjoni tal-proġett Terra Mirabilis (li għad irid jiġi approvat), issir konferenza fil-Mellieħa li tittratta l-konservazzjoni tal-ilma.

## 31.1. Attivitajiet kulturali għall-2013 (A/5/5/Vol IV) (K/2/Vol III)

31.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li ser issir laqgħa għall-għaqdiet kollha tal-lokalita` sabiex jiġu mniedi l-programm ta' attivitajiet kulturali għall-2013 li ser jinkludi fost oħrajn l-Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi, bl-ewwel attivita` isseħħ bejn is-16 u 18 ta' Awwissu 2013. Kompla jgħid li fl-istess laqgħa l-għaqdiet ser jintalbu jiddelegaw persuna u sostitut sas-26 ta' April 2013 biex ikunu membri fuq is-Sotto-Kumitat li ser ikun inkarigat mill-attivitajiet popolari.

## 32.1. *Malta International Fireworks Festival* fil-Mellieha (A/5/5/Vol VII)

32.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-kuntatti mibdija mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsill Lokali preċedenti, li komplew ma' dak attwali dwar il-wirja ta' logħob tan-nar ippjanata li sseħħ fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 28 ta' April 2013. Huwa kompla jgħid li kien hemm konsultazzjoni mal-Pulizija, il-MEPA u anke mal-bdiewa kien qed jiġi kkunsidrat li n-nar jingħata mill-parkeġġ biswit il-kumpless ta' Ħal Ferħ. Qed jiġi kkunsidrat ukoll li Triq il-Wilġa tingħalaq sabiex ikun jista' joqgħod il-pubbliku li jattendi, filwaqt li Triq Għajn Tuffieħa tingħalaq bejn Triq il-Biedja u t-triq li twassal għall-Imġarr.

32.3. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll il-Kunsill qed jintalab isib u jkopri l-ħlas tal-kantanti biex jittellgħa spettaklu fi Triq il-Wilġa, fejn ser jintrama palk ipprovdut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

## 33.1. *Raduno* tal-Moto Guzzi tal-Mediterran f'Malta (A/5/5/Vol VII)

33.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għad-diskussjoni li kien dwar dan is-suġġett mal-Kunsill preċedenti, u għarraf li r-Raduno tal-Moto Guzzi tal-Mediterrran, li ser isir f'Malta bejn is-26 u t-28 ta' April 2013, ser jinvolvi l-Mellieħa b'attivita` nhar is-Sibt 27 ta' April 2013. Għal dan l-avveniment, il-Kunsill intalab jipprovdi l-apparat tal-audio biex issir attivita` f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li ser tkun imqassma kif ġej:

08.30: Wasla u pparkjar tal-muturi;
08.40: Tlugħ tal-bandiera u kant tal-Innu Malti fejn l-Għassa;
08.45: Diskors mis-Sindku
08.55: Diskors mill-President tal-Moto Guzzi;
09.05: Preżentazzjonijiet; u
09.10: Tluq tal-muturi lejn il-Birgu.

33.3. Il-Kunsill approva l-attivita`, kif ukoll li l-muturi għandhom jiġu pparkjati fi Triq Ġorġ Borg Olivier, minn Triq San Publiju 'l isfel.

33.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-għada l-Ħadd, is-sewwieqa tal-muturi ser jiltaqgħu fil-parkeġġ ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, minn fejn imorru flimkien lejn Għajn Tuffieħa sabiex jaraw l-ispettaklu tan-nar, parti mill-Malta *International Fireworks Festival* organizzat mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

## AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Mejju 2013 fis-7.30pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**